TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 474/10

**Natalie Vassallo**
**vs**
**Atlas Healthcare Agency Ltd.**

Illum 13 ta' Marzu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' sitt mija u sittin ewro u tlieta w disgħin ċenteżmi (€660.93) rappreżentanti prezz ta' insurance tas-saħħa illi l-istess soċjeta' intimata kienu ġibdu l-flus minnha sabiex tiġi rinnovata.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li hija l-istess soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti qegħda tilmenta illi s-soċjeta' intimate qabdet u rrinnovat il-polza tal-assikurazzjoni tas-saħħa tagħha mingħajr ma nfurmata u għalhekk trid lura l-flus..

Is-soċjeta' intimate, min-naħa l-oħra iddikjarat illi l-polza hija rinnovata awtomatikament u bagħtet l-informazzjoni lir-rikorrenti b'dan it-tiġdid, li daparti tagħha r-rikorrenti qalet li hi qatt ma rċevieta.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota wkoll illi l-pagament tal-assikurazzjoni sar fuq erba' darbiet u fuq diversi xhur u ma kienx ta' darba.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi fl-ewwel lok il-polza tal-assikurazzjoni tistipola li hija rinnovata awtomatikament u hemm l-obbligu li tibgħat informazzjoni erbatax-il ġurnata qabel it-tiġdid, illi fl-opinjoni tat-Tribunal dana sar.

Daparte tagħha, r-rikorrenti kellha pagamenti mifruxa fuq erba' darbiet u kważi kien meta wasal fl-aħħar illi ndunat li kienu qed jeħdulha l-flus, u illi hija xi ħaġa li persuna għandha tieħu ħsieb li tiċċekja l-affarijiet tagħha min żmien għal żmien, u mhux tħalli daqshekk żmien jgħaddi.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888